MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 3/2004

**MiddleSea Insurance PLC kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Jokate Group of Companies Limited sew bil-polza kif ukoll bil-ligi (C 3643).**

**vs.**

**The Cargo Handling Company Limited u b'digriet datat 16 ta' Marzu 2009 giet intromessa fil-kawza l-istralcarja tal-istess socjeta' Dr. Abigail Galea ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta' Jannar 2004 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif

diversament presjeduta mil-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-assikurat tas-socjeta' attrici s-socjeta' Jokate Group of Companies Limited impurtat partita merkanzija konsistenti f'mitejn sitta u erbghin (246) *television sets* tal-marka 'Grundig' gewwa *'container'* bl-isem 'Rhedey Salzburg numru S -238 FK illi wasal Malta fil-31 ta' Jannar 2003 abbord il-bastiment "M.V. Zebbug".

Illi wara li il-'*Container'* gie sbarkat minn fuq il-bastiment tqieghed quddiem shed numru tlieta (3) fin-'New Quay - Marsa liema lokalita` tinstab taht il-kontroll tas-socjeta` konvenuta fejn baqa` ghal xi zmien.

Illi fl-4 ta' Frar 2003 gie rappurtat serq mill-istess *'Container*' meta dan kien ghadu fi New Quay u wara indagini u stharrig illi saret mill-Pulizija Ezekuttiva rrizulta illi kienu nsterqu erbgha u hamsin (54) set tat-*television* li l-valur taghhom jammonta ghal tmint elef hames mija u tmienja u hamsin lira ta' Malta (Lm8,558) - kollox kif jirrizulta mis-'Survey Report' hawn anness bhala Dokument "A" kif ukoll minn inkjesta magisterjali u r-rapport relattiv anness bhala Dokument "B".

Illi bhala rizultat l-assikurat tas-socjeta` attrici sofriet danni fil-merkanzija ammontanti ghall-precitata somma ta' tmint elef hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm8,558).

Illi s-socjeta' attrici kif kienet obbligata illi taghmel hallset lill-assikurat taghha s-socjeta` Jokate Group of Companies Limited is-somma ta' tmint elf hames mija u tmienja u hamsin lira ta' Malta (Lm8,558) bhala kumpens ghad-danni minnha sofferti u b'hekk giet issurrogata fid-drittijiet kollha taghha kemm bil-polza kif ukoll bil-ligi.

Illi s-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-assikurat tas-socjeta` attrici billi naqset milli tiehu il-prekawzjonijiet necessarji biex tissorvelja l-*'container'* meta kien taht il-kura u kustodja taghha.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-istess socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici.

2. Konsegwentement tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmint elef hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm8,558) danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta’ attrici kif fuq inghad.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-4 ta' Frar 2003 kontra s-socjeta' konvenuta ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 2 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa fol 20 tal-process.

Rat li din il-kawza fis-16 ta’ Jannar 2004 kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-5 ta’ Marzu 2004.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 4 ta’ Frar 2004 a fol. 27 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament, in-nullita` tac-citazzjoni in kwantu giet prezentata f’qorti li ma tezistix.

2. Iili, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu huma diretti kontra s-socjeta` eccipjenti, *stante* illi l-istess socjeta` eccipjenti qdiet l-obbligi kollha taghha bhala *bonus paterfamilias* u ma ghandha ebda responsabbilta` ghall-akkadut. Ghalhekk isewgi wkoll illi hija mhix responsabbli ghad-danni mitluba.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tehid illecitu tal-merkanzija sehh minhabba nuqqasijiet ta' terzi li

huma responsabbli miz-zamma u infurzar tas-sigurta` fil-perimetru tax-xatt in kwistjoni.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` attrici ghandha ggib il-prova tal-*quantum* tad-danni li, f'dan l-istadju, qieghed jigi kkontestat.

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta` attrici ghall-imghaxijiet mill-4 ta' Frar 2003 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

6. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, qabel il-bidu tal-proceduri odjerni, is-socjeta` eccipjenti qatt ma giet interpellata sabiex thallas l-ammont pretiz izda giet biss avzata bis-serqa u, ghalhekk, kemm-il darba jirrizulta li s-socjeta` eccipjenti ghandha thallas xi somma lis-socjeta` attrici, m'ghandhiex ukoll thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni, flimkien mal-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti tas-socjeta` konvenuta a fol. 28 sa 37 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onerevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 5 ta' Marzu 2004 sal-4 ta' Novembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-5 ta' Marzu 2004 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghas-socjeta' konvenuta rtira l-ewwel eccezzjoni. Il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-atti fis-sens li fejn hemm "Qorti Civili – Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali" jigi sostitwit bil-kliem "Prim' Awla tal-Qorti Civili".

Rat l-affidavits attrici ta' George Bonnici u Aldo Portelli datati 20 ta' Mejju 2004 flimkien ma' diversi dokumenti esebiti; ix-xhieda tal-Ispettur Anthony Portelli tat-8 ta' Ottubru 2004 (fol. 96); ta' Raymond Muscat tas-16 ta'

Novembru 2004 (fol. 1200; ta’ P.S. Kenneth Brigniano u Joseph Muscat *releasing officer* tad-Dwana tal-15 ta’ Frar 2005 (fol. 135); ta’ Anthony Apap datata 23 ta’ Gunju 2005 (fol. 162); ta’ Karl Flores *senior clerk* mas-socjeta’ konvenuta, u ta’ Frank Pace Bonello datati 4 ta’ Novembru 2005 (fol. 174); ta’ Arthur Taliana datata 4 ta’ Mejju 2006 (fol. 206); ta’ Noel Falzon u ta’ Patrick Portelli datati 15 ta’ Mejju 2006 (fol. 210); u ta’ Enrico Overend, Agent Managing Director tas-socjeta’ konvenuta datata 30 ta’ Mejju 2006 (fol.218).

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti datati 27 ta’ 2006 sat-12 ta’ Jannar 2010 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-25 ta’ Marzu 2010.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Marzu 2006 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Vincent Galea a spejjez provizorjament attrici sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma, , x-xhieda moghtija, u dokumenti esebiti quddiem il-Perit Legali Dr. Vincent Galea.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 29 ta’ Novembru 2006 a fol 226 tal-process.

Rat ir-rikors attrici datat 19 ta’ Jannar 2006, ir-risposta datata 5 ta’ Frar 2007, u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 8 ta’ Frar 2007 (fol. 245).

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici datata 19 ta’ Frar 2007 a fol 247 tal-process.

Rat ir-rikors tal-Avukat Dr. Abigail Galea bhala stralcarja tas-socjeta` Cargo Handling Company Ltd datata 16 ta’ Marzu 2009 a fol 279 tal-process fejn ir-rikorrenti talbet li tigi inkluza fil-kawza bhala stralcarja tas-socjeta’ konvenuta u ghan-nom u in rappresentanza tal-istess kif ukoll id-digriet ta’ din il-Qorti datat 16 ta’ Marzu 2009 (fol. 279).

Rat ir-rapport tal-Perit Legali datat 3 ta’ Marzu 2009 (fol. 287) mahluf fis-6 ta’ Ottubru 2009 (fol.286).

Rat in-nota ta’ Dr. Abigail Galea bhala stralcarja tas-socjeta’ The Cargo Handling Company Limited datata 7 ta’ Ottubru 2007 li biha talbet in-nomina ta’ periti addizzjonali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Jannar 2010 fejn Dr. Abigail Galea rtirat it-talba ghall-hatra ta’ periti perizjuri u minflok talbet li taghmel nota ta’ kritika, u l-Qorti laqghet it-talba kif indikat fl-istess verbal u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-25 ta’ Marzu 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-assikurat tas-socjeta' attrici s-socjeta' Jokate Group of Companies Limited impurtat partita merkanzija konsistenti f’mitejn sitta u erbghin (246) *television sets* tal-marka 'Grundig' gewwa *'container'* bl-isem 'Rhedey Salzburg numru S -238 FK illi wasal Malta fil-31 ta' Jannar 2003 abbord il-bastiment "M.V. Zebbug".

Illi wara li il-'*Container'* gie sbarkat minn fuq il-bastiment tqieghed quddiem shed numru tlieta (3) fin-'New Quay - Marsa u gie fil-pussess u taht il-kontroll tas-socjeta` konvenuta gewwa New Quay il-Marsa vicin Shed 3, izda fl-4 ta' Frar 2003 gie rappurtat illi s-sigilli tal-imsemmi *container* kienu maqtughin u l-bieba tal-container sgassata wara li saru l-verifiki necessarji u nvestgazzjoni li saret mill-Pulizija rrizulta illi kienu nsterqu erbgha u hamsin (54) set tat-*television* li l-valur taghhom jammonta

ghal tmint elef hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm8,558) u dan kif jinsab ikkonfermat mix-xhieda kollha prodotta, nkluz is-'survey report' (Dok. “A”), u l-inkjesta magisterjali u r-rapport relattiv (Dok. “B”).

Illi s-socjeta’ attrici bhala assikuratrici tas-socjeta’ Jokate Group of Companies Limited hallset lis-socjeta’ importatrici l-istess ammont kif kienet obligata li taghmel skont il-polza ta’ assikurazzjoni u giet surrogata fid-drittijiet tal-istess socjeta’ u ghalhekk ghamlet din il-kawza kontra s-socjeta’ konvenuta, illum fi process ta’ stralc.

Illi ma hemmx dubju li s-socjeta’ attrici kienet qed tagixxi bhala depositarju u ghalhekk tibqa’ responsabbli bl-obbligi ta’ depozitarju, u dan bil-mod deskritt fil-Kodici Civili, u fl-istess grad ta’ missier tajjeb ta’ familja skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1132 (1) u 1900 (2) tal-Kap 16.** Ssir riferenza wkoll ghall-**artikoli 1899** li jipprovdi li d-depozitarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depozitu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu kustodja ta’ hwejgu, u b’dan li fl-**artikolu 1900 (1) (b)** jinghad li d-disposizzjonijiet japplikaw b’mod aktar sever meta jkun hemm ftehim li ghandu jithallas ghall-kustodja tad-depozitu u dawn id-disposizzjonijiet japplikaw ghall-posizzjoni tas-socjeta’ konvenuta u dan kif gie deciz f’diversi sentenzi fosthom dawk fl-ismijiet **“Elmo Insurance Services Limited nomine et vs The Cargo Handling Co. Ltd”** (P.A. – 15 ta’ Dicembru 2004) u **“Atlas Insurance Agency Ltd nomine vs The Cargo Handling Co. Ltd et”** (P.A. – 2 ta’ Ottubru 2002).

Illi fil-fatt l-**artikolu 1899 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta)** jipprovdi illi:-

*“Id-depositarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depositu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta’ hwejgu” .*

Illi ta’ rilevanza huma wkoll id-dispozizzjonijiet tas-**subincizi (a) u (c) tal-artikolu 1900** li jipprovdu s-segwenti:-

*"(1) Id-dispozizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan ghandhom jigu applikati b'mod aktar sever:*

*(a) meta d-depositarju jkun offra ruhu huwa nniffsu sabiex jiehu lura d-depositu;*

*(c) meta d-depositu jkun sar biss fl-interess tad-depositarju.*

*(2) F'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jghoddu d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 1132; ………".*

Illi l-**artikolu 1132 tal-Kodici Civili** jipprovdi hekk:-

*"(1) Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici dwar id-depositi, id-diligenza li wiehed ghandu juza fl-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi hsieb il-gid biss ta' wahda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-wahda u l-ohra, hija, f'kull kaz, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-artikolu 1032".*

Illi l-**artikolu 1904** jipprovdi s-sewgenti:-

*"(1) Id-depositarju ghandu jrodd dik il-haga stess li jkun ircieva, fl-istat li din tkun tinsab fiz-zmien tar-radd.*

*(2) It-tgharriq li jsir fil-haga minghajr htija tad-depositarju jbaghtih id-depositant".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Martin Cauchi vs Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (RCP) – 12 ta' Dicembru 2002 *"ma hemmx dubju li galadarba li l-oggetti gew depositati ghand il-konvenut, huwa kellu l-obbligu li jiehu hsiebhom b'dan li jroddhom lura fi stat tajjeb, u jekk dawn iddeterjoraw b'xi mod, huwa kellu l-oneru li juri b'mod konvincenti li dan ma kienx minhabba htijiet imputabbli lilu".*
Illi fil-kawza fl-ismijiet "***Dimech vs Kummissarju tal-Pulizija***"*,* deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' April 1996, intqal illi *"r-responsabbilta' ta' depositarju hija dik ta' bonus*

*paterfamilias u huwa ghandu l-obbligu li jipprova li ma setax jevita t-telf tal-oggetti hekk lilu konsenjati, u fin-nuqqas iwiegeb ghad-danni".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Mary Hall vs Emmanuel Xuereb**", deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu 1946, il-Qorti nnotat illi d-depositarju, anki b'titolu gratwit, ghandu juza fil-kustodja tal-haga l-istess diligenza li juza fil-kustodja ta' hwejgu. In konferma ta' dak stabbilit mill-Kodici Civili, hija qalet ukoll li d-depositarju ghandu jrodd il-haga lil min fdahielu fl-istess stat li kienet giet konsenjata lilu. Konsegwentement id-depositarju li jonqos minn dawn l-obbligi huwa responsabbli ghad-danni lejn id-depositant.

Illi r-responsabbilta' ta' depositarju hija dik ta' *bonus paterfamilias* u huwa ghandu l-obbligu li jipprova li ma setax jevita t-telf tal-oggetti hekk lilu konsenjati, u fin-nuqqas iwiegeb ghad-danni.

Illi in effetti fil-kawza fl-ismijiet **"Maria Camilleri vs Duminku Attard"** (P.A. (JSP) 2 ta' April 1992.) inghad illi:-

*"Huwa provdut fil-ligi li min jircievi d-depositu ghandu juza l-istess diligenza fuq il-haga depositata qisha kienet tieghu, jigifieri juza d-diligenza li jirrizerva ghall-hwejjeg tieghu… Ghaldaqstant l-attur nomine bhala depositarju kellu juza d-diligenza ta' 'buon padre di famiglia' (Pietro Contini vs Giorgio Zammit (Vol. XXIX. P I. 1422)".*

*"Id-depositarju huwa obbligat juza, fil-kustodja ta' l-oggetti depositati ghandu, l-istess diligenza li huwa juza fil-kustodja ta' hwejgu, u huwa obbligat irodd dawk l-oggetti biss lil min ikun iddepositahom ghandu jew lill-persuna illi f'isimha jkun sar id-depositu jew lil min ikun inkarigat biex jircevihom; Id-depositarju li jonqos minn* dawn *id-dmirijiet huwa responsabbli tat-telf jew hsara li dan in-nuqqas igib lis-sid tal-haga depositata jew lil min ikun iddepositaha" (Vol. XXIX. P I. 1244).* (ara wkoll **"Reginald Micallef et nomine vs Godwin Abela et nomine"** – A.K. 16 ta' Marzu 1992).

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li meta tghabba fuq il-vapur l-istess kontejner kellu s-sigilli tieghu intatti u dan kif jirrizulta mis-CMR datata 28 ta' Jannar 2003, mill-*waybill* u l-polza ta' karigu numru 004, li jinsabu esebiti mal-affidavit ta' George Bonnici (Dok. "GB2") u gie ppruvat li gew esportati lejn Malta 246 set tat-*television* u li s-sigilli kienu intatti jirrizulta nkontestat u dan ifisser li tali xoghol tghabba u la darba nstab hekk intatt sakemm nizel minn fuq il-vapur, l-istess merkanzija tkun ovvjament kollha hemmhekk u dan kif ikkonfermat anke mix-xhieda tal-ufficjal tad-Dwana Joseph Muscat (fol. 141).

Illi meta tnizzel minn fuq il-vapur il-kontejner gie fil-pussess tas-socjeta' konvenuta b'mod intatt, tant li dan jirrizulta mit-*tally sheet* (fol. 36) maghmula wkoll mis-socjeta' konvenuta u ffirmata mill-iskrivan taghha Anthony Apap (fol. 163) tant li dwar l-istess kontejner ma saru ebda rimarki, u ghalhekk l-istess nizel bis-sigilli intatti.

Illi tali *tally sheet* hija prova tal-kontenut taghha sakemm din tigi attakkata bi prova kontrarja, u fil-fatt f'din il-kawza dan ma gie bl-ebda mod kontestat, u allura dan necessarjament ifisser li s-socjeta' konvenuta rceviet l-istess merkanzija fi stat tajjeb (**"Gasanmamo Insurance Agency Limited nomine vs The Cargo Handling Co. Ltd"** (A.I.C.– 24 ta' April 2001) u **"Camilleri vs Godwin Abela nomine"** (A.C. – 3 ta' Dicembru 1991).

Illi dan ifisser li minn dak il-mument dan l-istess kontejner, b'dak kollu li hemm fih kien fil-pussess u taht ir-responsabilita' tal-istess socjeta' konvenuta, u dan kif jinsab ukoll ikkonfermat mix-xhieda ta' Enrico Overend, li kien Managing Director tal-istess socjeta' konvenuta fix-xhieda tieghu datata 30 ta' Mejju 2006 (fol. 219) u jidher li n-nuqqas sehh waqt li l-istess kontejner kien fil-pussess tal-istess socjeta' konvenuta, tant li jirrizulta li Joseph Baldacchino u Massimo Falzon li jahdmu bhala *Customs Auxiliaries* indunaw li sigilli tal-istess kontejner kienu maqtughin u l-bieba kienet imbexxqa fit-3 ta' Frar 2003 u

dan jinsab ukoll ikkonfermat mix-xhieda ta’ Aldo Portelli, *chairman* tas-socjeta’ importatrici.

Illi f’dan il-kuntest t-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta qed tigi michuda ghaliex ma hemm l-ebda dubju ta’ xejn li mill-provi prodotti f’din il-kawza, meta giet nieqsa l-merkanzija mertu tal-kawza odjerna din kienet fil-pussess tas-socjeta’ konvenuta, u hija kienet ukoll responsabbli li taghmel dak kollu necessarju sabiex tiehu hsieb l-istess; jirrizulta li fil-fatt l-istess socjeta’ hadet konsenja ta’ kontejner intatt u kellha r-responsabilita’ tieghu sakemm dan jigi minnha rilaxxat, u ghalkemm jidher li l-Awtorita’ Marittima u l-addetti tal-kuntratt privat kienu jindukraw is-sigurta’ tal-istess *area* fejn kienu l-istess *containers*, dan bl-ebda mod ma jnaqqas jew jezimi lis-socjeta’ konvenuta mir-responsabilita’ taghha li tindokra kif suppost l-oggetti depositati ghandha, u dan fil-fatt jibqa’ responsabbilita’ tal-istess socjeta’ konvenuta, sakemm ma tingiebx xi prova li xi hadd minn dawn, jew xi hadd iehor assuma esklussivament l-esklussivita’ tas-sigurta’ tal-post fejn kienet il-merkanzija mizmuma mis-socjeta’ konvenuta, prova li assulutament ma tressqitx f’din il-kawza.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni li hija ma hijiex responsabbli ghaliex hija qdiet il-funzjonijiet taghha bhala *bonus pater familias*, u hawn jidher li s-socjeta’ konvenuta ghandha l-obbligu li tikkustodixxi l-istess oggett fdat minnha u tikkonsenjah fi stat tajjeb kif ircivietu (**artikolu 1891 tal-Kap. 16)**, u f’dan l-obbligu trid tiehu hsiebu daqs li hu taghha **(artikolu 1899 tal-Kap. 16)**; fin-nuqqas ta’ konsenja hija jkollha twiegeb ghat-telf **(“Saviour Cutajar et vs Agent Registratur tal-Qorti”** – P.A. – 16 ta’ Gunju 2005).

Illi f’dan il-kaz jirrizulta li numru ta’ televisjonijiet gew misruqa mill-kontejner u jirrizulta li l-istess socjeta’ ma haditx il-prewkawzjonijiet necessarji sabiex jigi evitat tali serq u dan peress li l-istess kontejner tqieghed fl-apert u mhux fil-maghluq, ma’ kien jithalla hadd mill-istess socjeta’ sabiex jindokra l-istess fond, izda l-istess socjeta’ jidher li fdat kollox f’idejn kuntrattur privat inkarigat mill-Awtorita’ Marittima ta’ Malta li kien jissorvelja dik l-*area*, u

fil-fatt jirrizulta li huwa ammess sahanistra minn Enrico Overend, *Agent Managing Director* tas-socjeta' konvenuta li *"jekk xi hadd johrog b'xi merkanzija mill-gate minghajr ma jkollu gate pass out, ahna ma nkunux nafu u f'dak il-kaz jwaqqfu s-security imqabbdin minn Maritime".* B'hekk jirrizulta li bhala mezz ta' sigurta' s-socjeta' konvenuta ma kienet ghamlet xejn, specjalment fil-hinijiet meta l-impjegati taghha lanqas kienu fuq il-lant fejn tinzamm jew ahjar inzammet din il-merkanzija, u dan huwa nuqqas gravi meta jirrizulta li kien hemm diversi serqiet fuq il-mollijiet u l-istess socjeta' konvenuta baqghet ma ghamlet xejn. Illi dan ghalhekk ma huwiex kwistjoni ta' kaz fortuitu **("Karl Camilleri vs Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd"** (P.A. – 31 ta' Jannar 2003) u **"Charles Bianco vs Carmelo Ciantar"** – A.K. 17 ta' April 1944 Vol. XXXIII.i.532) li jezimi lis-socjeta' konvenuta minn xi responsabilita' ghall-akkadut, izda kaz ta' nuqqas ta' responsabilita' u negligenza *da parte* tas-socjeta' konvenuta (**"Caterina Bezzina vs Giorgio Grech et"** P.A. – 7 ta' Gunju 1938 – Vol. XXX.ii.142) ghaliex l-istess socjeta' konvenuta ma hadet l-ebda pass sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-hwejjeg li kellhha f'ideja u in partikolari fil-hinijiet meta hadd mill-impjegati taghha ma kien jinzamm fuq il-post fejn kien mizmum l-istess kontejner, u dan meta bla ebda dubju l-kontejner meta nizel minn fuq il-vapur gie kkonsenjat lilha, u hija dahlet responsabbli tieghu, b'dak kollu li kien hemm fih.

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni jirrizulta li l-kwantum ta' danni gie ppruvat kemm mir-rapport ta' Arthur Taliana (Dok. "GB2") u kemm mix-xhieda ta' George Bonnici u fil-fatt l-istess ammont ta' Lm8,558 qatt ma gie attwalment kontestat.

Illi dwar imghaxijiet din il-Qorti thoss li ghandha tilqa' il-hames eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fis-sens li l-imghax ma ghandux jaghddi mid-data tal-4 ta' Frar 2003, izda mid-data meta s-socjeta' attrici hallset lis-socjeta' importatrici u dan kien fit-12 ta' Gunju 2003 kif jidher minn Dok. "C" – fol. 19 tal-process.

Illi dwar is-sitt eccezzjoni din hija kompletament bla bazi u dan peress li s-socjeta’ konvenuta jirrizulta li giet interpellata fit-12 ta’ Frar 2003 (Dok. “AP 2” – fol. 85) u dan kif jirrizulta wkoll minn paragrafu 44 tar-relazzjoni peritali.

Illi fl-ahharnett dwar l-ewwel eccezzjoni jirrizulta li din kienet irtirata minn Dr. Aaron Mifsud Bonnici fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2004.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha fis-sens hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta in kwantu nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, hlief ghall-hames eccezzjoni li qed tigi milqugha biss in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz dwar imghaxijiet dekorribbli, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara lill-istess socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici.

2. Konsegwentement tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' dsatax il-elf, disa’ mija u erba’ u tletin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€19,934.78) ekwivalenti ghall-tmint elef hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm8,558) danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta’ attrici kif fuq inghad.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-12 ta’ Gunju 2003 sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------